MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 68/2010/1

**Therese Cachia**

**v.**

**Martin Cachia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Martin Cachia pprezentat fis-16 ta' Marzu 2010 li jaqra hekk:

"Illi permezz ta' rikors mill-appellata ezekutanta Therese Cachia f'dawn il-proceduri din talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat hawn fuq indikati kontra Martin Cachia fl-ammont

ta’ disat elef, erba’ mija u tlieta u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€9,433.96) u bil-kawzali indikati bhala arretrati ta’ manteniment dovut minn Martin Cachia lil Therese Cachia a bazi ta’ digriet jew digrieti;

“Illi l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju [Dok. ‘I’] *de quo* m’ghandux jinzamm fis-sehh u dan ghar-ragunijiet segwenti:

“1. Illi tajjeb li wiehed jispjega l-iskop li sar dan il-mandat min-naha ta’ Therese Cachia. Il-partijiet ftehmu fil-mori tal-kawza ta’ separazzjoni personali ta’ bejniethom li jroddu lura permess tal-Monti [ta’ hawker] lill-Gvern ta’ Malta versu l-kumpens ta’ tletin elf Euro (€30,000) u dan a bazi ta’ skema mahruga mill-Gvern ta’ Malta. Il-partijiet qablu u qablu wkoll li l-ammont ta’ €30,000 jinqasam f’€15,200 bhala hlas li jinghata lil Therese Cachia u €14,800 bhala hlas lil Martin Cachia. Dan kien l-arrangament tant li l-partijiet qablu li wara dan il-ftehim taghhom huma jaghmlu nota konguntiva halli jinformaw lill-Qorti b’dan il-ftehim taghhom halli din tikkonsidrah u tattwah fis-sentenza li hija eventwalment kienet se taghti. Min-naha tal-esponent hu accetta dan kollu ghaliex kien jaf li se jdahhal is-somma ta’ €14,800 mis-somma komplessiva;

“2. Illi wara dan u minn wara dahar l-istess Martin Cachia, Therese Cachia ressqet il-mandat odjern u nnotifikatu lil Accountant General, It-Tezor, Valletta halli b’mod evidenti Martin Cachia ma jkunx jista’ jircievi dan il-hlas u wara li kien intlahaq dan il-ftehim;

“3. Illi m’hemmx dubju li Therese Cachia ivventilat din il-pretensjoni taghha li hija ghadha ma thallsitx il-manteniment kollu dovut lilha u din il-pretensjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). L-esponent illum ressaq appell quddiem din l-Onorabbli Qorti u hemmhekk jidher car mill-aggravji mressqa minnu li hu qed jikkontesta din il-pretensjoni;

“4. Illi madankollu Therese Cachia certament li ma mxietx b’sens ta’ lealta` meta *pendente lite* ottjeniet il-kunsens tal-esponent halli huma jillikwidaw parti mill-

kommunjoni tal-akkwisti halli t-tnejn li huma jibbenefikaw minn skema tal-Gvern u mbaghad fl-istess nifs u ad insaputa tal-esponent hija ressqet il-mandat odjern halli taghmilha impossibbli ghal Martin Cachia li jista' jiehu l-parti tieghu mis-somma hekk kif miftiehem;

"5. Illi l-esponent jirrileva wkoll illi certament mill-konsistenza tal-kommunjoni tal-akkwisti jirrizulta li meta se jkun hemm is-sentenza minn din l-Onorabbli Qorti anke jekk Therese Cachia ghandha ragun f'din il-pretensjoni taghha (haga li qed tigi kkontestata mill-esponent) din se jkollha fejn se tesegwixxi dak li hija qed titlob u certament li ma kienx hemm mill-htiega tal-mandat odjern;

"6. Illi ghalhekk l-esponent jirrileva illi, apparti l-fatt li Therese Cachia hekk kif hawn fuq spjegat ma zammitx mal-parti taghha tal-ftehim u qarrqet bl-istess esponent halli hija tkun tista' tillikwida dan il-permess u tiehu l-flus, fic-cirkostanzi certament li hemm ragunijiet validi ghalfejn dan il-mandat m'ghandux jibqa' fis-sehh u ghalhekk ghandu jigi rrevokat minn din il-Qorti;

"7. Illi l-mandat *de quo* sar ghall-ammont ta' €9,433.96 li skond is-sekwestranta jirraprezentaw arretrati ta' manteniment indikati fl-istess sekwestru;

"8. Illi jirrizulta illi permezz tal-mandat odjern is-sekwestranta waqfet pagament li kien ser jsir lis-sekwestrat ta' €14,800 u cioe` ammont oltre dak li qed jigi pretiz mis-sekwestranta;

"9. Illi iktar minn hekk is-sekwestranta qed tippretendi arretrati ta' manteniment minn:

- April 2007 sa Novembru 2007

- Marzu 2008 sa Novembru 2008

- Mejju 2009 sa Ottubru 2009

"10. Illi s-sekwestrant qed jipprezenta mar-rikors odjern rcevuti u kopji tas-sentenzi li juru illi fil-fatt sa il-hlas

ghax-xhur ta’ April 2007 sa Ottubru 2007; Gunju 2008 sa Awwissu 2008; Mejju 2009 sa Dicembru 2009.

“11. Illi r-rikorrent jikkontendi li anke fuq bazi ta’ *prima facie* jidher car li dan il-mandat hu bla bazi u hu malizzjuz u vessatorju fil-konfront tal-esponent li wara li ftiehem ma’ Therese Cachia pendent il-proceduri tas-separazzjoni personali (haga li hu ghamilha biss ghaliex kien jaf li se jircievi sehemu ammontanti ghas-somma ta’ €14,800) din ressqet dan il-mandat;

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-esponent ezekutat umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Titratta dan ir-rikors b’certu urgenza;

“2. Tirrevoka, thassar u tikkancella l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 242/2009 a tenur tal-Artikolu 836(l)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3. Tikkundanna lill-intimata ezekutanta sabiex thallas lill-esponent dik is-somma ta’ mhux inqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux aktar minn sitt elef, disa’ mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) bhala penali u dan *ai termini* tal-Artikolu 836(8)(c) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

Rat ir-risposta tal-intimata Therese Cachia li in forza taghha eccepiet illi:

“Illi r-rikorrent Martin Cachia tigi ittenta jirrevoka l-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv permezz ta’ rikors iehor quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ta’ sekwestru numru 242/09 liema talba giet michuda permezz ta’ digriet datat 22 ta’ Dicembru 2009 (Dok A);

“Illi l-mandat numru 242/09 huwa ta’ natura ezekuttiva ghall-fini tal-Art. 253(a) tal-Kap. 12 u mhux ta’ natura kawtelatorja kif qed jinghad mir-rikorrent;

"Illi r-rikorrent jaghmel referenza ghal ftehim verbalizzat permezz ta' nota dwar permess ta' hawker li kien fuq isem l-esponenti mara wahedha u mhux fuq isem il-partijiet versu l-kumpens ta' €30,000 u dan a bazi ta' skema mahruga mill-Gvern ta' Malta. Il-partijiet kienu ftehmu wkoll kif ghandu jigi likwidat il-permess iehor li kien fuq isem Martin Cachia. Illi l-esponenti taghmel referenza ghar-rikors tal-appell ta' Martin Cachia fejn issa qed jitlob li l-permess li hemm fuq ismu ma jinbieghux lil terzi;

"Illi l-esponenti umilment tissottometti li l-kwistjoni tal-arretrati ta' manteniment li huma dovuti lilha a bazi ta' digriet tal-Qorti hija ghal kollox indipendenti mill-ftehim verbalizzat permezz tan-nota konguntiva prezentata mill-partijiet li tirrigwarda ftehim parzjali fuq aspett wiehe biss tal-kommunjoni tal-akkwisti;

"Illi r-rikorrent trasferixxa assi tal-kommunjoni tal-akkwisti, u m'ghandux attivi likwidi;

"Illi l-esponenti taghmel referenza ghal mandat ta' sekwestru fejn jidher bic-car li l-ammont li gie sekwestrat jammonta ghal disat elef, erba' mija u tlieta u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€9,433.96) u mhux ghal €14,800 kif inhu allegat mir-rikorrent f'dan ir-rikors promotur;

"Illi l-esponenti uzat il-mezzi legali a dispozzijonijiet taghha sabiex tezegwixxi dak li huwa dovut lilha a bazi ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ta' manteniment li sa mill-bidu tas-separazzjoni thallas biss lilha wara li kellha tirrikorri ghal Qrati Kriminali kif inhu konfermat mid-dokumenti esebiti mir-rikorrent stess;

"Illi l-esponenti tirrileva li r-rikors ghal-mandat ta' sekwestru gie prezentat fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru 2009 u cioe` qabel ma inghatat is-sentenza tas-separazzjoni personali li giet appellata mir-rikorrent Martin Cachia;

"Illi l-esponenti tiddikjara li l-unika interess li ghandha huwa li tithallas dak li huwa dovut lilha u li hija disposta li tillimita l-ammont tal-mandat ghal ammonti li ghandhom lilha dovuti skond id-digriet;

"Illi fir-rikors taghha hija talbet l-ottjeniment tal-mandat ghal arretrati ta' manteniment dovuti skond digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) in kwantu

- Ghal €1,863.49 ghal perjodu ta' bejn April 2007 sa Novembru 2007

- Ghal €4,076.40 ghal perjodu ta' bejn Marzu 2008 sa Novembru 2008

- Ghal €3,494.06 ghal perjodu ta' bejn Mejju 2009 sa Ottubru 2009

"Illi b'referenza ghad-dokumenti prezentati mir-rikorrenti l-esponent taccetta li sar pagament ghax-xhur ta' April 2007 sa Lulju 2007 u ghax-xahar ta' Settembru 2007 b'dan li l-manteniment li ghadu dovut ghas-sena 2007 jammonta ghal €1,747.02;

"Illi ghas-sena 2008 taccetta li sar pagament ghax-xhur ta' Mejju 2008, Gunju 2008, Lulju 2008, Novembru 2008 biex b'hekk l-ammont li ghadu dovut ghas-sena 2008 jammonta ghal €2,911.70;

"Illi f'dak li jirrigwarda arretrati ta' manteniment ghas-sena 2009 l-esponenti tirrileva li l-pagamenti ghax-xhur ta' Gunju 2009 sar fis-26 ta' Ottubru 2009, ta' Lulju 2009 sar fis-26 ta' Ottubru 2009, ta' Awwissu 2009 sar f'Jannar 2010 u dak ta' Settembru f'Jannar 2010 u cioe` wara l-ottjeniment tal-mandat ta' sekwestru. Illi ma sarx pagament ghax-xahar ta' Mejju 2009 fl-ammont ta' €582.34;

"Illi prezentement ir-rikorrent huwa moruz fil-manteniment ghax-xhur ta' Frar u Marzu 2010;

"Illi l-esponenti tissottometti li l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-mandat taghha huwa bla bazi jew addirittura malizjuz u vessatorju fil-konfront tal-esponent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt;

"Illi ghaldaqstant in vista tal-premess u filwaqt li taghmel referenza ghall-atti tal-kawza u tirrizerva li tipprezenta provi u sottomissjonijiet ulterjuri topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti."

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din hi talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju a bazi tal-Artikolu 836(l)(f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Il-mandat inhareg fuq talba tal-intimata *in kawtela* ta' hlas ta' arretrati ta' manteniment ghas-somma komplessiva ta' €9,433.96. It-talba ghar-revoka hi bazata <u>biss</u> fuq il-kawzali li, fic-cirkostanzi, ma hux regjonevoli li l-istess att kawtelatorju jew parti minnu jinzamm fis-sehh, jew ghax mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Il-partijiet huma separati *de facto,* u bejniethom hemm pendenti zewg kawzi ta' separazzjoni li gew decizi llum stess minn din il-Qorti;

Ir-rikorrent jargumenta li l-intimata, meta talbet il-hrug ta' dan il-manteniment, "ma mxietx b'sens ta' lealta`", u dan peress li l-mandat hareg wara li l-partijiet ftehmu li jroddu lura lill-Gvern il-permess ta' hawker li kien jappartjeni lilhom u dan versu kumpens skond skema li offra l-istess Gvern. Huma kienu ftehmu li dan il-kumpens jinqasam bejniethom, izda l-intimata sussegwentement harget dan il-mandat fuq sehem zewgha. Din il-Qorti tara' li filwaqt li l-intimata, setghet kienet aktar makakka minn zewgha, ma tistax tghid li hi mxiet b'mod qarrieq, ghax kien ir-rikorrent stess li ta lok ghall-hrug ta' dan il-mandat billi kienu jonqos li jhallas il-manteniment meta u kif ordnat mill-Qorti. Il-partijiet setghu ftehmu li jaqsmu l-kumpens ghar-rilaxx tal-permess, pero`, ma ftehmux li l-flus ikunu mhux sekwestrabbli, u la darba r-rikorrent naqas li jhallas il-manteniment kif mitlub, kellha kull dritt l-intimata

tissekwestra flus li taf li kellhom jinghataw lill-zewgha mill-Gvern.

Ghar-rigward tal-ammont ta' arretrati, din il-Qorti, fis-sentenzi li tat illum fil-kawzi ta' separazzjoni bejn il-partijiet (dawk bin-numru 1180/02 u 437/03), stabbiliet li r-rikorrent ghandu jhallas lill-intimata s-somma ta' €7,686.93 bhala arretrati ta' manteniment, u kwindi ma jkunx logiku li dan il-mandat jinzamm fis-sehh ghall-somma akbar. Fil-fatt, anke l-intimata kkonfermat li, wara l-hrug tal-mandat, saru xi hlasijiet akkont tal-arretrati. Ghalhekk, l-effetti tal-mandat ghandhom jigu ridotti ghal din is-somma.

Din il-Qorti ma taqbilx li l-mandat jithassar ghax l-intimata zgur issib assi ohra biex tissodisfa l-pretensjoni taghha, ghax il-flus sekwestrati huma parti mill-assi ta' zewgha, u hu ragjonevoli li fic-cirkostanzi, l-intimata taghzel li tissekwestra dawn l-assi li taf li jezistu fiz-zgur. Peress li, fis-sentenza tal-lum, din il-Qorti sabet li l-intimata ghandha dritt ghal arretrati ta' manteniment, l-istess mandat m'ghandux jithassar, u lanqas ghandha tigi imposta penali fuq l-intimata a bazi, tal-Artikolu 836(8) tal-imsemmi Kodici kif talab ukoll ir-rikorrent.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta' Martin Cachia billi tilqghu biss in parte, u filwaqt li zzomm ferm l-ezistenza tal-istess mandat, tirriduci l-ammont sekwestrat fis-somma ta' €7,686.93, u kwindi zzomm ferm l-istess mandat fil-limiti ta' din is-somma.

L-ispejjez marbuta ma' din il-procedura jithallsu mir-rikorrent Martin Cachia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------